**PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**Onor. Dr. Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 25 ta' Gunju, 20026**

**Rikors Guramentat Nru: 450/2024 GG**

**Kawza Nru: 1**

**Konrad Grech (KI 59773 M) ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta KPMG**

**-vs.-**

**MaltaMaklarna Ltd rapprezentata mill-Kuraturi Deputati Dr. Ramona Attard u PL Nicolette Aquilina di Noto**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ta' Konrad Grech pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-29 t'April, 2024 li bih, wara li ppremetta illi s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghoxrin elf, tmien mija erba u tmenin euro u tnejn u tmenin centezmu (€20,884.82) rapprezentanti bilanc mhux imhallas ta'

servizzi skond l-istatement hemm anness, liema debitu fil-fehma tieghu huwa cert, likwidu u dovut u li l-istess socjeta' ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti talab li din il-qorti sabiex:

(1) **Tghaddi ghas-sentenza** bid-dispenssa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili; u

(2) **Tikkundanna** lis-socjeta' konvenuta intimata thallas lid-ditta KPMG rikorrenti s-somma ta' ghoxrin elf, tmien mija erba u tmenin euro u tnejn u tmenin centezmu (€20,884.82) liema somma tirraprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ghas-servizzi rezi lis-socjeta' konvenuta mill-istess ditta attrici;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 166A numru 145/2023 u bl-imghaxijiet legali minn meta gie rez is-servizz, kif jirrizulta mill-istatement anness, kontra s-socjeta' konvenuta intimata li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dgriet taghha tat-3 ta' Mejj4, 2022 li bih appuntat il-kawza ghas-smigh ghas-seduta tat-22 ta' Mejju, 2024 fin-12.15pm b'ordni lis-socjeta' konvenuta biex tidher f'dak il-jum u twiegeb ghat-talba tal-attur u, fin-nuqqas, il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi minnufih il-kawza billi tilqa' t-talba tal-attur, kif ukoll ordnat n-notifika tar-Rikors Mahluf u tal-Avviz tas-smigh tal-kawza lill-partijiet u differita ghall-25 ta' Gunju, 2024

Rat illi s-socjeta' konvenuta kif rapprezentata mill-Kuraturi Deputati kienet debitament notifikata bir-rikors guramentat u bl-avviz ta' smigh skond ir-riferta' tal-Marixxall tas-6 ta' Gunju, 20242;

Rat illi l-istess kuraturi deputati ressqu risposta guramentata kontra kull disposizzjoni tal-artikolu 170 tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta jigifieri minghajr ma l-ewwel urew lill-Qorti li ghandhom eccezzjonijiet validi x'jaghtu skond il-ligi. Konsegwenza ta' dan, ir-risposta kienet sfilzata;

Rat ukoll illi l-Kuraturi Deputati naqsu milli jidhru sabiex jikkontestaw it-talbiet tas-socjeta' attrici;

Semghet lill-Konrad Grech bil-gurament;

Rat l-atti;

**Ikkunsidrat:**

1. Illi permezz ta' dikjarazzjoni mahlufa, ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici spjega kif is-somma pretiza tirraprezenta diversi invoices ghal-serivzzi rezi lis-socjeta' konvenuta. Dawn l-invoices jidhru elenkati fl-istatement akklua a fol 5 tal-atti u fl-udjenza tal-lum, l-istess Konrad Grech kkonferma bil-gurament li l-istess ammont ghadu dovut minkejja li tressaq dan l-att;

2. Illi s-socjeta' intimata qed titqies bhala kontumaci bin-nuqqas ta' kontestazzjoni tal-pretensjonijiet tar-rikorrent liema pretensjonijiet huma sodisfacentement pruvati quddiem din il-Qorti fl-ammont ta' €20,884.82;

3. Illi kwantu t-talba ghall-kundanna u hlas tal-imghax, r-rikorrenti ma ressaq ebda prova ta' interpellanza permezz ta' att

gudizzjarju u ghalhekk huwa r-rikors promutur li ghandu jitqies bhala l-att gudizzjarju rikjest mil-ligi u fil-kaz odjern id-data tan-notifika ghandha titiqies bhala d-data li fiha is-socjeta' intimata kienet interpellata sabiex thallas l-ammont pretiz kif ridott;

**Decide:**

Ghalhekk ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

**Tilqa** l-ewwel talba tar-rikorrenti sabiex din il-Qorti tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa ta' sigh skond l-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta; u

**Tilqa'** t-tieni talba tar-rikorrenti u b'hekk tiddikjara u tikkundanna lis-socjeta' MaltaMaklarna Limited thallas lid-ditta rikorrent s-somma ta' €20,884.82 bl-imghax bit- 8 fis-sena li jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tar-rikors mahluf sad data tal-hlas effettiv;

**Tordna** wkoll li l-ispejjez kollha marbuta ma' dawn il-proceduri jithallsu kollha kemm huma mis-socjeta' intimata.

Onor. Dr. Giovanni M Grixti

Imhallef